MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 759/2014

**Citadel Insurance plc (C21550) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Mario Bonello (ID 610558M) u l-istess Mario Bonello (ID 610558M)**

**Vs**

**Awtorita' ghat-Transport f'Malta, Kunsill Lokali Sliema u Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Novembru, 2014 fejn is-socjeta' attrici talbet l-esponenti qedghin jitolbu li l-intimati jew minn minnhom jigu kkundannati ihallsu lill-istess esponenti is-somma ta' elfejn, sebgha mija u hmista-il ewro u tmin centezmi (€2,715.08) rapprezentanti danni sofferti mill-istess esponenti bhala konsegwenza tal-accident datat 9 ta' Jannar, 2013 liema accident sehh bhala kawza diretta tal-agir tal-intimati jew min minnhom.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-istess intimati jew min minnhom li r-rapprezenti taghhom huma minn issa ingunti in subizzjoni.

L-awtorita' ghat-Trasport ipprezentat risposta fid-19 ta' Dicembru, 2014 fejn eccepiet illi preliminarjament l-Awtorita' intimata m'hijiex il-legittima kontraditrici stante li t-triq fejn sehh l-allegat incident ma taqax that il-kompetenza tal-Awtorita' intimata;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita' intimata tirrispingi l-pretenzjonijiet u l-allegazzjonijiet migjubha kontra taghha bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi minghajr pregudizzju ghas-seuspost, l-Awtorita' intimata m'hijiex responsabbli ghall-allegat incident u ghall-allgati danni sofferti;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta' rikorrenti u r-rikorrent li jaghmlu prova tad-danni allegati u konsegwentement, id-danni reklamati qed jigu kkontestati.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Il-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-Ilma pprezentat risposta fit-13 ta' Frar, 2015 fejn eccepiet illi l-Korporazzjoni eccipjenti mhiex dotta mill-fatti ta' dan l-incident, li mill-avviz tat-talba ma jirrizultax bi precizzjoni fejn sehh, u ghalhekk tirriserva li tipprezenta risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz, wara li l-fatti tal-kaz jigu maghrufa u kjarifikati;

Illi ghalhekk, u salv il-premess, it-talbiet ta' l-atturi fil-konfront tal-Korporazzjoni eccipenti ghandhom jigu michudha bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.

Xehed PC 1592 li spjega r-rapport  li sar minn Mario Bonello meta hareg mill-garaxx tieghu fi Triq ix-Xatt Sliema sab man hole li ma kinitx f'postha b'konsegwenza illi l-vettura spiccat fil-man hole.

Xehed Tonio Montesin prodott mis-socjeta' attrici li spjega l-ammont ta' hsarat tal-vettura u kif thallsu. Il-hsarat gew spjegati minn Natalino Agius.

Xehed Mario Bonello li spjega kif sehh l-incident u spjega ukoll kif bl-iskoss lo hadet il-karozza spicca biex kellu jbiddel il-magna tal-karozza.

Pio Farrugia prodott mill-Awtorita' spjega illi Triq ix-Xatt tas-Sliema taqa' that ir-responsabilita tal-Kunsill Lokali Sliema.

Wara li semgha x-xhieda u ra d-dokumenti t-Tribunal huwa tal-fehma ill l-hsara fuq il-vettura giet ippruvata. Mir-ritratti prodotti jidher car illi kien hemm it-tappira ma kinietx qed issir manutenzjoni sewwa fuqha u lanqas l-istat tat-triq ma kien wiehed tajjeb.

Ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma li r-responsabilita ta' din it-talba ghandha tinqasam bejn il-Kunsill Lokali Sliema u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma.

Ghal din ir-raguni it-Tribunal jilqa' it-talba attirci u filwaqt illi jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' ghat-Transport jichad l-eccezzjonijiet tal-Korporazzjoni tal-Ilma u jikkundanna lill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma u lil Kunsill Lokali Sliema sabiex in solidium bejnithom ihallsu l-ammont ta' elfejn, sebgha mija u hmista-il ewro u tmin centezmi (€2,715.08) lis-socjeta' attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mill-Kunsill Lokali Sliema.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------